MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 48/2006/1

**Joanne Zammit f'isimha u f'isem uliedha minuri**
**A, B u C Zammit**

**v.**

**Joseph Zammit**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fis-16 ta' Frar, 2006, li jaqra hekk:
"Illi hija miżżewġa ma' l-intimat Joseph Zammit u għandhom tlett itfal minuri: A ta' 13-il sena, B ta' 11-il sena u C ta' 5 snin;

"Illi dan iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment u barra hekk il-ħajja flimkien m'hemmx aktar lokha minħabba eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi min-naħa ta' l-intimat kif ukoll minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment xieraq lill-esponenti u t-tliet ulied;

"Illi t-tentattivi ta' medjazzjoni ma seħħewx – Dok. B.

"Ghaldaqshekk l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-miżżewġin Joanne Zammit u Joseph Zammit minħabba tortijiet imputabbli lill-intimat Joseph Zammit;

"2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tlett itfal minuri A, B u C f'idejn ir-rikorrenti Joanne Zammit;

"3. Tiffissa retta xierqa ta' manteniment għar-rikorrenti u t-tlett ulied minuri;

"4. Ittemm il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u żewġha billi tillikwidha u taqsamha;

"5. Tawtorizza lir-rikorrenti biex flimkien ma' uliedha biss – ad esklużjoni tal-intimat – biex tgħix fid-dar taż-żwieġ;

"6. Ikunu komminati kontra l-intimat il-konsegwenzi stipulati fl-Art. 51 tal-Kap. 16.

"Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa mħarrek in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi huwa ma jopponix illi tigi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti pero' din għandha tiġi ppronunzjata minħabba ħtijiet imputabbli lill-attriċi.

“2. Illi huwa ma jopponix għat-tieni talba *purche* li jingħata aċċess adegwat għal uliedu.

“3. Illi l-esponent ma jopponix għat-talba biex jiġi kkundannat iħallas manteniment għat-tfal *purche* dan ikun jirrifletti l-mezzi ta’ l-esponent. L-esponent pero’ jopponi għat-talba ta’ manteniment ta’ l-attriċi *stante* illi m’hemmx raġuni għalfejn l-attriċi m’għandhiex issib impjieg.

“4. Illi l-esponent ma jopponix għar-raba’ talba.

“5. Illi l-esponent jopponi għall-ħames talba *stante* illi m’hemmx raġuni għalfejn l-esponent għandu jiċċaħħad minn sehmu mid-dar matrimonjali.

“6. Illi l-esponent jopponi għas-sitt talba *stante* li t-tort tal-firda hija ta’ l-attriċi.”

Rat il-kontro-talba proposta mill-konvenut li taqra hekk:
“1. Illi l-kontendenti żżewġu fis-16 ta’ Ġunju 1990 (Dok. A).

“2. Illi l-ħajja konjugali ġiet resa mpossibli minħabba sevizzi, inġurji gravi, theddid u vjolenza morali kommessi da parti ta’ l-attriċi u inkompatibbilta’ ta’ karattru.

“3. Illi miż-żwieġ twieldu tlett itfal ossia A ta’ tlettax-il sena, B ta’ ħdax-il sena u C ta’ ħames snin kif jirriżulta mill-annessi ċertifikati tat-twelid (Dok. B sa D).

“4. Illi l-attriċi kienet awtorizzata tipproċedi għas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kopja ta’ liema diġa’ ġie esebit mill-attriċi.

“Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba raġunijiet imputabbli lill-attriċi kif hawn fuq premess.

“2. Tiffissa ġranet u ħinijiet meta l-esponent għandu jkollu aċċess għat-tlett itfal tiegħu minuri.

“3. Tapplika kontra l-attriċi s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodiċi Ċivili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

“4. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f’żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba’ talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

“5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrappreżenta l-kontumaċja tal-konvenut f’każ ta’ bżonn.

“6. Tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni ta’ assi mmobbli f’każ li jirriżulta li dawn ma jistgħux jiġu komodament diviżi.

“7. Tikkundanna lill-attriċi tirrestitwixxi lill-esponent il-proprjeta` kollha tiegħu parafernali jew il-valur tagħha.

“Bl-ispejjeż kontra l-attriċi nġunta in subizzjoni.”

Rat ir-risposta li resqet l-attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Illi d-diżgwid li nqala’ bejn il-kontendenti huwa imputabbli unikament lill-konvenut;

“2. Illi hija taqbel li l-konvenut għandu jkollu aċċess għat-tlett itfal minuri;

“3. Illi s-sanzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili għandhom ikunu komminati kontra l-konvenut mhux kontra l-esponenti;

“4. Illi hija ma topponix għax-xoljiment u l-qasma tal-komunjoni ta’ l-akkwisti iżda s-sanzjonijiet għandhom kif intqal ikunu komminati kontra l-konvenut;

“5. Illi hi ma topponix għall-ħatra ta’ Nutar Pubbliku b’dan li l-ispejjeż relattivi jkunu a kariku tal-konvenut;

"6. Illi hi topponi li l-fond matrimonjali jinbiegħ; wara kollox il-konvenut qed jaqbel minn issa, li għadhom ma bdewx jinstemgħu provi, li l-kura u l-kustodja tat-tlett itfal għandhom ikunu fdati f'idejn l-esponenti; it-tliet minuri naturalment draw l-ambjent u għandhom il-ħbieb tagħhom fil-lokal; ta' min isemmi li f'tentattivi ta' separazzjoni bonarja l-konvenut issuġġerixxa jew (a) li huwa jibqa' jabita fil-fond taż-żwieġ (bl-esponenti tiġġerra bi tlett itfal tara fejn ser iddabbar rasha) jew (b) li d-dar tinbiegħ, iżda qatt ma ried jikkontempla l-possibblita' li jkun hu li joħroġ mid-dar; ta' min ifakkar li l-konvenut jaħdem u għandu ntrojtu regolari, bil-maqlub ta' l-esponenti;

"7. Illi l-esponenti ma topponix li żewġha jieħu l-proprjeta' parafernali tiegħu, salv li jsiru l-provi meħtieġa.

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenut."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-19 ta' Gunju, 2009, li in forza taghha eccepiet illi:
"billi fir-rigward tat-talba attriċi:

"1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort maqsum bejn il-partijiet

"2. Taffida f'idejn l-attriċi l-kura u kostodja tal-minuri msemmija fir-rikors, b'aċċess liberu da parti tal-konvenut;

"3. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment ta' ħamsa u tletin Ewro (€35) fil-ġimgħa lill-attriċi għall-manteniment tagħha, u erbgħa u għoxrin Ewro (€24) għal kull wild minuri (għalhekk tnejn u sebgħin Ewro (€72) fil-ġimgħa bħalissa) *rebus sic standibus*; tordna lill-*employer* tal-konvenut jibgħat direttament dan il-manteniment lill-attriċi billi jaqtgħu mill-paga tiegħu;

"4. Tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti billi tassenja lill-konvenut dawn l-oġġetti; il-vettura Peugeot, u l-garaxxijiet; l-attriċi tiġi assenjata id-dar konjugali, tordna illi mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt l-

attriċi tħallas lill-konvenut is-somma msemmija ġia` ta' tlieta u ħamsin elf, mija tnejn u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€53,162.50) u da parti tiegħu l-konvenut għandu jivvaka l-istess dar immedjatament ma' l-istess pubblikazzjoni; il-kontijiet bankarji kollha eżistenti għandhom jinqasmu fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet;

"5. Għall-iskop tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana u l-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg bħala kuratriċi tal-kontumaċji, u l-istess att għandu jiġi pubblikat fl-edifiċju tal-Qorti fid-data li tiffissa l-Qorti stess fuq talba tan-Nutar nominand jew xi ħadd mill-partijiet.

"6. tiċħad il-ħames talba in vista ta' dak ġia' deċiż u tilqa' s-sitt talba.

"Fir-rigward tal-kontro-talba l-Qorti tilqagħha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni b'tortijiet imputabbli lill-partijiet indaqs u tilqa' t-talbiet l-oħra sa fejn kompatibbli mad-deċiżjonijiet mogħtija f'din is-sentenza fir-rigward tat-talbiet attriċi u senjatament tilqa' t-tielet talba tal-konvenut u tiċħad it-talbiet li huma inkompatibbli ma' dak li ġia' ġie deċiż aktar qabel fis-sentenza.

"L-ispejjeż tal-kawza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi kif ġia` ingħad l-partijiet it-tnejn li huma qed jitlolbu s-separazzjoni minn xulxin għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet għalhekk jaqblu li għandhom jisseparaw izda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Tista' tgħid għalhekk li l-partijiet ikkontestaw kollox lil xulxin u baqgħu sa l-aħħar iressqu provi fil-konfront ta' xulxin. Il-Qorti għalhekk se titratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom.

"**TORT**

"Il-Qorti tħoss li bħal ħafna każi oħrajn li jkunu quddiemha l-partijiet sabu ruħhom wara ftit taż-żmien miżżewġa f'*'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di*

*oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l'abitazione e la vita comune'.* **("Caterina Agius vs Benedict Agius" –** Prim' Awla 13 ta' Ġunju 1967). L-attriċi spjegat fl-affidavit tagħha (fol 54) li tista' tgħid mill-ewwel żewġha ma kinitx tista' tikkomunika wisq miegħu u l-problemi kien iħallihom għaliha. Tgħid li tħossha *imsawwta mentalment* minnu. Tħossha iktar komda meta tkun waħedha mat-tfal għax huwa dejjem jirrabja magħhom. L-attriċi ippreżentat ukoll affidavit ta' ommha u oħtha li jikkonfermaw partijiet mid-depożizzjoni tagħha. Da parti tiegħu l-konvenut jgħid li sa l-2004 huma qatt ma kellhom problem kbar u ż-żwieġ kien sejjer tajjeb, iżda f'daqqa waħda martu ma riditx taf bih aktar. Lejn l-aħħar tal-proċeduri l-konvenut sosnta li ġurnata fost l-oħrajn mar id-dar lura kmieni fil-għodu (wara li kien telaq għax-xogħol) u sab raġel mistoħbi fil-gwardarobba. Dak il-ħin kien għad hemm it-tfal id-dar, tnejn minnhom kienu reqdin. L-attriċi (u dan ir-raġel stess) sostnew li kien mar id-dar tagħhom biex isewwi l-*computer* u li kif l-attriċi ndunat li żewġha rritorna d-dar hija beżgħet li se jinqala' l-inkwiet u kien għalhekk li staħba fil-gwardarobba. It-tifla kkonfermat li huwa kien mar biex isewwi il-*computer* għaliex kellu *virus*. Il-Qorti għalkemm l-istorja rakkontata tidher ftit imġebbda ma tħossx li hemm prova ta' adulterju fiċ-ċirkostanzi għaliex ma jidhirx verosimili li l-attriċi se ddaħħal lil xi ħadd id-dar meta jkun hemm it-tlett itfal ta' l-eta tat-tfal tal-partijiet kontendenti. Kollox ma' kollox għalhekk il-Qorti tħoss li ż-żewġ partijiet għandhom tort għat-tifrik taż-żwieġ u se tieħu kollox in konsiderazzjoni meta tiddeċiedi l-kawża.

"**KURA U KUSTODJA TAL-MINURI**

"Fl-affidavit tiegħu l-konvenut ikkonċeda li jkun aħjar li l-kura u kustodja tiġi affidata f'idejn martu *purche* jkollu aċċess liberu, u l-Qorti taqbel ma' dan. Ma kienx hemm problemi ta' aċċess. Għalkemm fil-mori tal-kawża ġiet nominata *social worker*, il-partijiet ma jidhirx li baqgħu jinsistu fuq in-nomina u ma jidhirx li hemm l-estremi biex ikun hemm xi nterventi straordinarji tal-Qorti fir-rigward.

**“QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA’ BENI PARAFERNALI**

“Naturalment din hija materja li dwarha hemm ħafna x’wieħed jgħid għaliex il-partijiet għandhom tlett proprjetajiet immobbli *oltre* proprjeta mobbli, u hemm allegazzjonijiet ta’ krediti fil-konfront tal-komunjoni ta’ l-akkwisti da parti ta’ l-attur.

“M’hemmx dubju li l-fondi li ġejjin jifformaw il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet:

“Id-dar konjugali, stmata li tiswa mija u disgħa u tletin elf, u tmien mitt Ewro (€139,800) mill-perit tekniku;

“*Garage* numru # stmat tnejn u tletin elf u sitt mitt Ewro (€32, 600);

“*Garage* numru ## stmat li jiswa ħmistax-il elf, u mitt Ewro (€15, 100).

“Hemm diversi kontijiet bankarji li l-bilanċi tagħhom m’humiex kbar. Il-konvenut jgħid li l-vettura tagħhom Peugeot li għandha *circa* ħmistax-sena tiswa *circa* ħames mitt lira Maltin (Lm500) – li jammontaw madwar elf, mija u ħamsa u sittin Ewro (€1,165), u l-Qorti se taċċetta din il-valutazzjoni. Jgħid imbgħad li huwa nefaq *circa* tlettax-il elf u sitt mitt lira Maltin (Lm13,600) minn flusu (li kien ġemma’ meta kien ġuvni) fid-dar konjugali. Fost dawn hemm sitt elef lira Maltin (Lm6,000) li huwa ħallas għall-akkwist tad-dar (l-attriċi ħallset elf u ħames mitt lira Maltin (Lm1,500). Kollox ma’ kollox dan l-ammont li qed jirreklama l-konvenut għall-Qorti jidher li huwa esaġerat. Da parti tagħha l-attriċi filwaqt li tikkonċedi li l-konvenut kellu iżjed paga u allura kien iħallas iktar, tgħid li hi wkoll kienet toħroġ il-flus għall-ispejjeż fid-dar konjugali (qabel iżżewġu). Għalhekk *arbitrio boni viri* l-Qorti se tillikwida l-ammont li għandu bħala kreditu l-konvenut versu l-komunjoni ta’ l-akkwisti (wara li tnaqqas l-ammont li ħarġet l-attriċi) għas-somma ta’ sitt elef u ħames mitt lira Maltin (Lm6,500) - minnhom erbat elef u ħames mitt lira Maltin (Lm4,500) għall-ħruġ tal-prezz u ċioe’ ta’ sitt elef

lira Maltin (Lm6,000) nieqes elf u ħames mitt lira Maltin (Lm1,500). Dawn jekwivalu għal ħmistax-il elf, mija u erbgħin Ewro (€15,140). Madankollu jirriżulta wkoll li fil-mori tal-kawża l-konvenut daħħal is-somma ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200) mis-soċjeta' assikuratriċi li kienu dovuti lill-komunjoni (u allura jrid jirrifondi nofshom), disa' mija u sittin lira Maltin (Lm960) f'kirjiet tal-*garage* u disa' mitt lira Maltin (Lm900) minn kont bankarju konġunt, u dawn jammontaw għal elfejn, disa' mija u sittin lira Maltin (Lm2,960) u għalhekk sitt elef, tmien mija u ħamsa u disgħin Ewro (€6,895). Għalhekk il-kreditu tal-konvenut jibqa' tmint elef, mitejn u ħamsa u erbgħin Ewro (€8,245).

"Għalhekk nofs il-valur tal-komunjoni huwa erbgha u disghin elf, tliet mija u tnejn u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€94,332.50) *oltre* d-depożiti fil-banek, liema depożiti l-Qorti se tordna li jinqasmu bin-nofs għal kull parti. Il-konvenut għandu allura l-kreditu msemmi ta' tmint elef, mitejn u ħamsa u erbgħin Ewro (€8,245). Jidher min-nota ta' l-attriċi li hija qed titlob li tiġi assenjata d-dar konjugali peress li l-qraba tagħha offew li jgħinuha għal dan l-iskop. Naturalment il-proprjetajiet l-oħra kompriżi l-karozza jeħodhom il-konvenut. Jekk jiġri dan allura, hija tingħata valur ta' mija u disgħa u tletin elf, u tmien mitt Ewro (€139,800) u allura erbgħa u erbgħin elf, disa' mija u sbatax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€44,917.50) iktar minn sehemha li hija għandha tħallas lill-konvenut; *oltre* dan trid tħallsu s-somma ta' tmint elef, mitejn u ħamsa u erbgħin Ewro (€8,245) imsemmija; b'kollox għalhekk tlieta u ħamsin elf, mija u tnejn u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€53,162.50).

"Ma nġabu ebda provi rigward mobbli oħra.

"**MANTENIMENT**

"Fil-bidu tal-kawża l-Qorti ordnat ħlas ta' manteniment ta' ħmistax-il lira Maltin (Lm15) u tletin lira Maltin (Lm30) fil-ġimgħa għall-attriċi u wliedha rispettivament. Għalkemm il-konvenut tilef ix-xogħol li kellu fil-bidu tal-kawża rnexxielu jsib xogħol ieħor tista' tgħid bl-istess salarju u kwindi ma hemmx lok ta' varjazzjoni; *stante* l-bidla fil-

valuta l-Qorti se takkorda għad-dritt ħamsa u tletin Ewro (€35) fil-ġimgħa għall-attriċi u tnejn u sebgħin Ewro (€72) fil-ġimgħa għall-minuri (erbgħa u għoxrin Ewro (€24) għal kull wild). Kif ġia` ingħad il-Qorti ma tħossx li nġiebu provi konkreti ta' adulterju da parti tal-konveut, apparti l-fatt li ma hemmx talba għal-dikjarazzjoni simili fil-kontro-talba."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut, ipprezentat fis-26 ta' Gunju 2009, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza tad-19 ta' Gunju 2009 moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-sens illi:-

i) thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ppronunzjat is-separazzjoni bejn il-kontendenti izda b'tort maqsum bejn il-partijiet, u minflok tippronunzjaha b'tort unikament tal-attrici.

ii) thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ffissat manteniment pagabbli lill-attrici u minflok tiddikjara illi l-attrici ddekadiet mid-dritt ta' manteniment jew li fic-cirkostanzi l-ebda manteniment m'ghandu jkun pagabbli lill-attrici ghaliha,

iii) tvarja l-paragrafu numru erba' tad-decide, u cioe` dak fejn illikwidat u qasmet il-komunjoni tal-akkwisti, fis-sens illi fejn l-ewwel Qorti ordnat illi s-somma ta' tlieta u hamsin elf, mija tnejn u sittin Ewro u hamsin centezmu (€53,162.50) jithallsu mill-attrici lill-konvenut mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv, din is-somma tigi mibdula ghal hamsa u hamsin elf, erba' mija u tlieta u disghin Ewro u hamsin centezmu (€55,493.50) u dan sabiex tigi nkluza s-somma ta' elfejn, tlitt mija u wiehed u tletin Ewro (€2,331) kif sottomess fit-tielet aggravju hawn fuq,

iv) thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti rigwardanti l-kap tal-ispejjez u minflok tipprovdi illi l-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-attrici,

v) tikkonferma s-sentenza fil-bqija taghha.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

Rat ir-risposta tal-attrici tal-21 ta' Lulju 2009 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet li l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud bl-ispejjez tal-istess appell kontra l-appellanti;

Rat l-appell incidentali propost mill-attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li twettaq il-kapi 1, 2, 3, 5 u 6 taghha tvarja r-raba' (4) kap u dan fis-sens biss li bejn il-figura ta' €53,162.50 u l-kliem "u da parti tieghu" isir proviso biex minn dik is-somma jonqos nofs kull ammont percepit mill-intimat appellant bhala kera taz-zewg garaxxijiet lilu assenjati minn Mejju 2009 sad-data tal-kuntratt finali, u twettaq il-bqija kemm tar-raba' paragrafu u tas-sentenza;

Rat ir-risposta tal-konvenut ghall-appell incidentali tal-attrici minnu ppresentata fit-18 ta' Awwissu 2009, li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi l-aggravji sollevati mill-attrici fl-appell incidentali taghha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tal-20 ta' Ottubru 2009 u 9 ta' Dicembru 2009; semghet ukoll lix-xhud Connie Mangion fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet li zzewgu fis-16 ta' Gunju, 1990, mil-liema zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal li ghadhom minuri.  Bit-talba u l-kontro-talba taghhom il-partijiet urew li t-tnejn jaqblu li ghadha tigi pronunzjata s-separazzjoni bejniethom, izda t-tnejn iridu li t-tort ghal din il-firda tigi attribwita lill-parti l-ohra.  L-ewwel Qorti wara li semghet dak li kellhom xi jghidu l-partijiet u l-provi li ressqu, ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn l-istess partijiet b'tort maqsum b'mod ugwali bejn il-

partijiet; u wara provdiet ghall-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn l-omm, b'access ghall-missier, ordnat lill-konvenut ihallas manteniment ghall-attrici u uliedu, u itterminat u llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejn il-konjugi Zammit.

Il-konvenut appella mis-sentenza u talab li l-istess tigi varjata billi (i) takkolla t-tort tas-separazzjoni lill-attrici, (ii) konsegwentement, tordna li hi ddekadiet mid-dritt tal-manteniment, u (iii) tvarja l-mod tad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi zzid b'€2,331 il-kreditu tieghu.

L-attrici appellat incidentalment u talbet li l-ammont dovut minnha lill-konvenut ikompli jonqos b'nofs kull ammont li jkun dahhal zewgha mill-kera taz-zewg garaxxijiet mizmuma minnu.

Trattat l-aggravju dwar it-tort ghas-separazzjoni u l-konsegwenzjali ordni ta' hlas ta' manteniment, din il-Qorti, tara li fil-fatt ghandha tvarja l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti.  Fil-fatt, mill-provi rrizulta car li, darba minnhom, il-konvenut wasal lura d-dar mix-xoghol aktar kmieni mis-soltu u sab ragel mistohbi fil-gwardarobba.  L-ispjegazzjoni tal-attrici u ta' dak ir-ragel – li hu mar ghandhom biex isewwi l-computer u meta indunaw li l-konvenut gie d-dar, hi bhal donnha "bezghet li se jinqala' l-inkwiet" u, ghalhekk, qaltlu biex jistahba – hi mhux biss "imgebbda", kif qalet l-ewwel Qorti, izda inverosimili u inveritjera.  L-ewwel Qorti qalet li dan l-incident ma jindikax adulterju, ghax mhux verosimili li mara ddahhal ragel iehor fid-dar meta jkun hemm ukoll it-tfal.  Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan, u ma tara xejn inverosimili f'agir ta' mara li waqt li t-tfal ikunu d-dar (tnejn minnhom, f'dan il-kaz reqdin) li ddahhal "habib" id-dar u ddahhlu biex "jara" l-kamra tas-sodda!  Wiehed irid jiftakar li l-prova ta' adulterju ma hi kwazi qatt okkulari, u l-prova tista' tirrizulta minn cirkostanzi li jkunu cari, konkordanti u univoci.

F'dan il-kaz, jirrizulta li l-konvenut wasal id-dar mix-xoghol aktar kmieni mis-soltu, jigifieri f'hin li ma kienx mistenni u sab f'kamartu ragel mistohbi fil-gwardarobba!  Fil-fehma

tal-Qorti, dawn huma indizji cari li jindikaw adulterju tal-mara jew, tal-anqas, ingurji gravi da parti taghha. Din il-Qorti giet infurmata wkoll permezz tad-deposizzjoni ta' Connie Mangion, li, fil-mori ta' dan l-appell, din Mangion, li tigi oht il-konvenut, rat lill-attrici tiehu pizza f'restaurant f'Hagar Qim ma' dan l-istess ragel li kien mistohbi fil-gwardarobba. Ma jidhirx, kwindi, li dan ir-ragel kien jinsab fid-dar biex isewwi l-computer biss, u jidher li l-attrici qabdet relazzjoni ma' dan ir-ragel.

Min-naha l-ohra, din il-Qorti ma taqbilx mal-analizi li ghamel il-konvenut taz-zwieg tieghu fis-sens li, qabel dan l-incident, iz-zwieg "kien sejjer tajjeb". Mhux probabbli li, jekk zwieg ikun sejjer tajjeb, parti taqbad u jkollha relazzjoni ma' terz. Hbiberiji mhux flokhom, hafna drabi jkunu r-rizultat ta' zwieg gia` "on the rocks", u mhux il-kawza tal-firda; din generalment tkun aktar profonda u marbuta mal-karattru u/jew il-komportament tal-partijiet. F'dan il-kaz, jidher li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, bil-konvenut mohhu biss fuq ix-xoghol tieghu, u jhalli lil martu thabbat rasha wahedha mal-problemi tal-familja. Ir-ragel jidher li hu bniedem nervuz u jirrabja hafna, tant li l-attrici waslet li zzomm il-problemi taghha go fiha biex ma jinqalax inkwiet.

Nonostante dan, l-attrici mhix gustifikata li, flok tipprova ssolvi l-problemi jew titlob separazzjoni personali fuq il-bazi ta' tkissir irrimedjabbli taz-zwieg, tfittex hbiberija ma' ragel iehor. Mas-social worker inkarigata tipprova issalva z-zwieg, l-attrici ammettiet li kienet hi l-problema. Din il-Qorti tista' tifhem x'wassalha taghmel hekk, pero`, ma tista' qatt tiggustifikaha, u fil-kuntest tat-tieni aggravju tal-konvenut ma tarax li hu gust li l-konvenut ghandu jibqa' jmantni lill-martu meta din qabdet relazzjoni ma' ragel iehor, anke jekk ma jistax jinghad li hemm prova ta' adulterju.

Din il-Qorti tara, pero`, li l-manteniment ghall-ulied, kif ordnat mill-ewwel Qorti, hu wiehed baxx. Hu veru li ma hemmx appell mill-ordni tal-Qorti fir-rigward, pero`, fejn jidhlu l-interessi tal-minuri, il-Qorti mhux mehtiega li tigi invitata tiehu provvediment, u hi tista' dejjem u f'kull kaz,

anke ghax hekk hi awtorizzata bil-ligi, li taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha opportun fl-ahjar interess tal-minuri.

Il-Qorti ghalhekk, sejra tilqa' l-aggravju tal-konvenut u wara li ssib li t-tort tal-firda irrimedjabbli ghandu jigi attribwit lill-attrici, u li din ghandha titqies li ddekadiet mill-jedd li tipercepixxi manteniment minghand zewgha (Art. 52, Kap. 16), sejra tordna li l-manteniment pagabbli lill-attrici ghal tlett uliedha, ghandu jkun ta' sebgha u tmenin ewro (€87) fil-gimgha (flok tnejn u sebghin ewro (€72) fil-gimgha kif ordnat l-ewwel Qorti), u dan mehud kont id-dhul tal-istess konvenut.

Ghar-rigward it-tielet aggravju tal-konvenut u l-appell incidentali tal-attrici, jidher li t-tnejn ghandhom ragun, u, fil-fehma tal-Qorti, l-aggravji rispettivi jpacu lill-xulxin, u anke jekk mhux bi preciz, thoss li ghandha taghmel dan anke biex ma tiddisturbax il-bilanc delikat li wettqet l-ewwel Qorti meta giet biex tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti.  Il-konvenut qed jippretendi li jiehu elfejn tlett mija u wiehed u tletin ewro (€2,331) ohra li jghid li jirrapprezentaw flus li kien tah missieru wara l-mewt ta' ommu (skond l-attrici, il-konvenut gia` ppercepixxa parti minn din is-somma), waqt li l-attrici tippretendi li la darba l-komunjoni tal-akkwisti giet terminata definitivament bl-ghoti ta' din is-sentenza, ghandha tiehu nofs il-kirjiet li zewgha kien u baqa' jipercepixxi fuq garaxx gewwa l-Fgura, li, bil-qasma, se jigi assenjat lilu.  Jidher li dan il-garaxx hu mikri ghall-seba' mija u sitta u erbghin ewro (€746) fis-sena.  Fic-cirkostanzi, jaqbel li dawn il-pretensjonijiet jigu pacuti, u l-mod ta' likwidazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti tibqa' mhux mittiefsa.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tilqa' l-istess biss in parte fis-sens li tvarja l-ewwel decide tal-ewwel Qorti u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htija esklussivament tal-attrici, u tvarja it-tielet decide u tordna li filwaqt li l-attrici ghandha titqies li ddekadiet mill-manteniment li ghandha dritt ghalih, tordna li l-manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala

manteniment ghat-tlett uliedhom ghandu jkun ta' sebgha u tmenin ewro (€87) fil-gimgha, pagabbli bl-istess modalitajiet li ordnat l-ewwel Qorti, u tikkonferma l-bqija tas-sentenza, inkluz dak li ddecidiet fil-konfront tal-kontro-talba tal-konvenut; tichad l-appell incidentali tal-attrici.

Dwar l-ispejjez tal-kawza, tipprovdi billi tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-attrici u terz ($^{1}/_{3}$) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------